

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13512/22

FIN 1063  
INST 369  
PE-L 35

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13208/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

---

1. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan tal-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 41.72 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 11 10 01 (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)) għall-Artikoli 10 02 01 (Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni) u 10 10 01 (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)), kif jinsab fid-dokument 13208/22.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex jiżdied l-AMIF (EUR 29.72 miljun) bil-ħsieb li jissaħħaħ il-pakkett tal-Assistenza ta' Emerġenza tal-Faċilità Tematika fejn id-domanda mill-Istati Membri tibqa' f'livell għoli. Matul is-sena li għaddiet, l-Assistenza ta' Emerġenza ntużat prinċipalment b'rabta mal-gwerra fl-Ukrajna. Iż-żieda mitluba għall-EUAA (EUR 12-il miljun) hija marbuta mal-iskjerament ta' esperti u interpreti addizzjonali wara l-kriżi tal-Ukrajna.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
  - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 13208/22; u
  - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).